*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,803, 11 ta' Ġunju, 1999*
*Taqsima B*

**A.L. 100 ta' l-1999**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l-1999 għall-Għażla ta' l-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu u interpretazzjoni**

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 għall-Għażla ta' l-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1999 jew wara.

**L-Għażla ta' l-Applikanti**

3. In-numru ta' l-istudenti li jistgħu jidħlu fil-Kors għandu jkun limitat skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti.

4. In-numru ta' studenti għandu jkun limitat għal sitt studenti Maltin u jkun hemm żewġ postijiet oħra għall-studenti barranin.

5. Biex jidħlu fil-Kors l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni bħala studenti regolari ta' l-Universita' kif speċifikat fir-Regolamenti għad-Dħul u r-rekwiżiti l-oħra kollha għad-dħul fil-Kors kif speċifikati fir-regolamenti kollha tal-Kors.

6. Jekk ikun hemm aktar minn sitt applikanti Maltin eliġibbli, l-aħjar sitt applikanti għandhom jintgħażlu mill-Bord tad-Dħul ta' l-Universita', wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakulta' tal-Kirurġija Dentali, skond il-kriterji għall-għażla kif speċifikati fil-paragrafu (6) tar-regolament 7.

**Il-Kriterji għall-Għażla**

7. (1) Il-gradi miksuba fis-suġġetti li ġejjin fil-livell indikat għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel:

(a) il-Kimika fil-Livell Avanzat u l-Bijoloġija fil-Livell Avanzat, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġetti primarji; u

(b) il-Fiżika, jew fil-Livell Avanzat jew fil-Livell Intermedju, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġett sekondarju.

(2) Grad miksub f'suġġett sekondarju meħud fil-Livell Avanzat, għandu, għall-għan ta' l-għażla, ikun mogħti l-istess valur bħall-istess grad miksub f'suġġett sekondarju fil-Livell Intermedju.

(3) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul, jistgħu joffru ċertifikati li għaddew fis-suġġetti primarji u/jew fis-suġġett sekondarju, jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(4) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fl-istess suġġett, għandu jitqies l-aħjar grad.

(5) Għall-għanijiet ta' l-għażla, ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni ta' l-eżamijiet li ssir wara li r-riżultati ta' sessjoni ta' qabilha kienu

ppublikati, għandu jitqies li hu ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni li hija distinta minn ta' qabilha. Dan ir-regolament għandu japplika wkoll għas-sessjoni supplimentari ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola offrut mill-Bord tal-MATSEC ta' l-Universita' ta' Malta skond il-provvedimenti tar-Regolamenti dwar l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola u dan minkejja xi regolament ieħor dwar l-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

(6) Is-sitt applikanti Maltin għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti Maltin eliġibbli kollha skond il-kategoriji li ġejjin, imniżżlin fl-ordni ta' preferenza,
sakemm li l-applikanti Maltin li indikaw il-Kors bħala l-kors ta' l-ewwel preferenza tagħhom meta applikaw għandhom ikunu magħżula l-ewwel u l-bqija tal-postijiet għandhom jimtlew minn applikanti Maltin eliġibbli oħra:

| | |
|---|---|
| L-ewwel kategorija: | dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| It-tieni kategorija: | dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| It-tielet kategorija: | dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| u | dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Ir-raba' kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Il-ħames kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| u | dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |

| | |
|---|---|
| Is-sitt kategorija: | dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Is-seba' kategorija: | dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| It-tmien kategorija: | dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| Id-disa' kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| u | dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| L-għaxar kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| Il-ħdax-il kategorija: | dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| It-tnax-il kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| It-tlettax-il kategorija: | dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| u | dawk b' 'A' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |

| | |
|---|---|
| L-erbatax-il kategorija: | dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| u | dawk b' 'A' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| Il-ħmistax-il kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Is-sittax-il kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| u | dawk b' 'A' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Is-sbatax-il kategorija: | dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewg sessjonijiet |
| u | dawk b' 'B' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| It-tmintax-il kategorija: | dawk b' 'B' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Id-dsatax-il kategorija: | dawk b' 'B' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |

| | |
|---|---|
| L-għoxrin kategorija: | dawk b' 'B' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Il-wieħed u għoxrin kategorija: | dawk b' 'A' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| It-tnejn u għoxrin kategorija: | dawk b' 'B' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| It-tlieta u għoxrin kategorija: | dawk b' 'B' waħda u 'C' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| u | dawk b'2 'C's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| L-erbgħa u għoxrin kategorija: | dawk b'2 'C's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| Il-ħamsa u għoxrin kategorija: | dawk b'2 'C's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda |
| u | dawk b'2 'C's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| Is-sitta u għoxrin kategorija: | dawk b'2 'C's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |
| Is-sebgħa u għoxrin kategorija: | dawk b'2 'C's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet |

(7) Jekk in-numru ta' applikanti Maltin li jaqgħu taħt l-aħħar kategorija ta' applikanti eliġibbli biex jidħlu skond il-provvedimenti tal-paragrafu (6) ta' dan ir-regolament huwa tali li n-numru totali ta' applikanti biex jidħlu jaqbeż is-sitta, f'dan il-każ l-applikanti f'dik il-kategorija għandhom ikunu intervistati minn Bord tad-Dħul *ad hoc* maħtur mis-Senat sabiex jimla l-post jew il-postijiet li jibqa'.

(8) Iż-żewġ postijiet riservati għall-studenti barranin għandhom jimtlew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakulta' tal-Kirurġija Dentali wara li jikkonsidra l-kwalifiki globali ta' l-applikanti barranin. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jattendu għal intervista.